Citta Notabile

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IT-TMIEN'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 61

It- Tnejn, 25 ta' Settembru 2023

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-09.00am.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Camille Scerri- Kunsilliera

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

Joseph Debono- Viċi Sindku
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-9.16am

**61.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

61.1.1 Is- SE pprezenta zewġ ittri ta'apoloġija mill-Viċi Sindku Joseph Debono kif ukoll mill-Kunsillier Alfred Barbaro Sant minħabba li kienu jinsabu ndisposti.

61.1.2 Il-Kunsill aċċetta dawn ir-raġunijiet u ġew skuzati

**61.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal- Minuti**

61.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kamra tqegħdu l- minuti tas- Sittin Laqgħa.tal-Kunsill Lokali. Kopja tal-Minuti ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa

61.2.2 Is- Sindku staqsa jekk hemx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu approvati unanimament. Is- Sindku flimkien mas- Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**61.3 Kumunikazzjoni mis- Sindku**

61.3.1 Is- Sindku talab lis- SE jinkariga l-Perit tal-Kunsill biex iħejji rapport fuq l-istat tal-pavimentar fi Sqaq Aragona u Holy Cross Street minħabba li jidher li l-art ċediet xi ftit u hija ta' periklu.

61.3.2 Is- Sindku talab lis- SE biex jibgħat ittra lis- sidien tal-karozzini u jinfurmahom biex meta jkun qed jagħmlu r-rondi bit-turisti ġewwa l-Mdina jieħdu ħsieb jiġbru l-ħmieġ taz-zwiemel f'kaz li jkun hemm bzonn. Is- Sindku sostna li bħala Kunsill mhux ser nittoleraw izjed din is-sitwazzjoni.

61.3.3 Is- Sindku fakkar lil Kunsilliera li fid-29 ta' Settembru 2023,minħabba l-laqgħa tal- Med 9 fejn ser ikunu hawn prezenti l-Prim Ministri minn disa' pajjizi, l-Mdina ser tingħalaq u mhux ser ikun hemm aċċess ġewwa.

61.3.4 Is- Sindku infurma lil- Kunsill li x-xogħolijiet b'rabta mal-manutenzjoni tal-funtana fi Pjazza St. Agata ser jissoktaw fil-ġranet li gejjin u x-xogħol ghandu jitlesta sat- tieni ġimgħa ta' Ottubru 2023.

61.3.5 Is- Sindku wera' d-dispjaċir tiegħu għar-rispons tar-residenti meta jiġu organizzati xi ħarġiet għal anzjani. Huwa qal li bħala stat ta' fatt l-popolazzjoni ta' l-Mdina kull sena qed tonqos minħabba l-eta tar-residenti u għalhekk jifhem dan in-nuqqas ta' rispons. Għaldaqstant għalissa mhux ser jiġu organizzati dawn l-attivitajiet.

61.3.6 Is- Sindku talab lis- SE biex joħroġ sejħa ta' kwotazzjonijet għal armar tal-Milied peress li z-zmien qed joqrob ġmielu. Il-Kunsill approva din is-sejħa.

61.3.7 Is- Sindku mfurma lil- Kunsill li f' nofs Ottubru ser tinħareġ sejħa għal offerti f' dak li jirrigwarda l-ġonna u soft areas kif ukoll sejħa għal offerti għal knis ġewwa l- Mdina. Huwa qal li il-kuntratti prezenti ta' dawn is-servizzi ser itemmu fl-aħħar ta' Diċembru li ġej.

**61.4 Rapport Finanzjarju Tlett Xhur minn April sa Gunju 2023- Approvazzjoni**

61.4.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra rapporti finanzjarji għat- tlett xhur minn April sa Ġunju. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. Is- SE ta xi spjegazzjonijiet u rrispoda xi mistoqsijiet tal-Kunsill

61.4.2 Fuq proposta tal-Kunsilliera Maryann Sultana li kienet ssekondata mill- Kunsilliera Camille Scerri, dan ir-rapport ġie approvat unanimament

**61.5 Sejħa għal Post Vakanti ta' Skrivan Skala 15 mal-Kunsill ta' L-Mdina .**

61.5.1 Is- SE informa lill-Kunsilliera preżenti dwar irriżenja ta' wieħed mill-ħaddiema klerikali tal-Kunsill. Il-SE qal li dan kien ser itemm l-impjieg tiegħu fl-aħħar ta' Settembru, 2023.

61.5.2 Is- SE kompla jgħid li issa li kien hemm post vakanti, kien hemm bżonn li tinħareġ sejħa. Il-Kunsilliera ddiskutew dan u ġie deċiż li jintalab permess mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex tinħareġ sejħa interna biex il-post vakanti jimtela bi Skrivan fi Skala 15. Il-Kunsill għandu l-fondi neċessarji biex titħallas il-paga għal dan il-post vakanti b'mod indefinit

61.5.3 Għaldaqstant is- Sindku ressaq mozzjoni biex tinħareġ sejħa interna għal Skrivan fi Skala 15, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsilliera Maryann Sultana, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

61.5.4 Għaldaqstant, is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex iġġib l-approvazzjoni għal din is-sejħa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

**61.6 Fondi mgħotija mir- Reġjun Punent lil Kunsill Lokali tar- Reġjun**

61.6.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal- kamra, dokument fejn juri l- fondi li ser jingħataw lil Kunsilli li jiffurmaw parti minn dan ir-Reġjun fejn jkunu jistgħu isiru xi proġetti fil-lokalita. L-ammont allokat mir- Reġjun jammonta għal Mdina jammonta għas- somma ta' € 17,800.

61.6.1 Il-Kunsill ddiskuta x'jista' jsiru b'dawn il-fondi għal ġid tal-lokalita.

**61.7 Ilmenti u Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill**

61.7.1 Is- SE infurma lil Kunsill li fir-rigward ta' l-invit li sar minn Dong Cheng, China huma infurmawna jekk bħala Kunsill nistgħux immorru f' Novembru. Jekk le, isiru arranġamenti għas-sena d-dieħla. Il-Kunsill ddeċieda li din il-mawra sseħħ s-sena d-dieħla.

61.7.2 Ittra mingħand ir- Reġjun tal-Punent fejn fuq talba tad- Dipartiment għal Gvern Lokali qed jissuġerizzu li tinbidel d-data tal-ġbir tal-ħġieġ fejn dan jibda' jinġabar l- Erbgħa flok il-Ġimgħa. Il-Kunsill huwa kategorikament kontra dan li jsir u ser jiqba' jsostni li s-servizz jibqa' jingħata skond kif kien ddeċieda id- Dipartiment stess f' Jannar li għadda u li issa n-nies drawha

.

61.7.3 Primary Health Care Department- Talba biex jingħataw xi taħditdiet lir-residenti fuq temi ta' saħħa. Il-Kunsill ħa nota tagħha.

61.7.4 SEM- Talba biex titella' esibizjoni ta' proġetti li saru b'fondi mill-Komunita' Ewropea ġewwa Howard Gardens. Il-Kunsill approva.

61.7.5 Sliema Rover Scouts- Talba biex issir attivita' ta' *abseiling* minn fuq il-Pont ta' Gomorino. Il-Kunsill approva b'ċertu kundizzjonijiet li jridu jiġu mħarsa.

61.7.6 Street Sign advertising- talba minn kumpanija privata biex bħala Kunsill nikkunsidraw li jsir reklamar fil-lokalita' ta' l-Mdina ma tabelli u sinjali. Il-Kunsill ma approvax.

61.7.7 Legio X Fretensis Malta- Talba biex titella' attvita' kulturali fejn grupp ta' re-enactors jagħtu spettaklu u informazzjoni fuq fi zmien ir- Rumani f' Malta.

**61.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

61.8.1 Fuq il-mejda tal-kamra tqegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li jġibu d-data tas- 25 ta' Settembru 2023 (Meħmuz) li jammonta għas-somma ta' € 22,240.42

61.8.2 L-iskedi ta' ħlasijiet kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ser jiġu ffirmati miz-zewġ Kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

**61.9 Tmiem tal- Laqgħa**

61.9.1 Il-laqgħa ntemmet fil- 11.02am

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| _____________________ | _____________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data:___16 ta'Ottubru 2023__